# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1451/23/1 AJD**

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv nru 24/2023 fl-ismijiet:

**Raymond Fenech**

**v.**

**Charmaine Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq minn Charmaine Zammit kontra provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Jannar, 2024, li permezz tiegħu ċaħdet talba tagħha biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 24/2023 skont l-**Artikolu 281(1)**

**tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Daħla**

2. B'rikors tal-21 ta' Diċembru, 2023, Charmaine Zammit fissret li hija kienet ġiet mitluba b'ittra uffiċjali mibgħuta minn Raymond Fenech fis-17 ta' Ottubru, 2022, sabiex tħallsu s-somma ta' €1,514,834.22, allegatament imnissla minn tliet kitbiet privati tas-16 ta' Jannar, 2020.

3. Charmaine Zammit tkompli tgħid li fid-9 ta' Jannar, 2023, Raymond Fenech kien talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv skont l-**Artikolu 375 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fuq is-saħħa ta' titlu eżekuttiv miksub bil-kuntratti li jissemmew f'din l-ittra uffiċjali.

4. Dan ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv ġie milqugħ b'digriet tat-12 ta' Jannar, 2023.

5. Charmaine Zammit tilmenta li dan il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv ma messu nħareġ qatt għaliex kitbiet privati ma joħolqux titlu eżekuttiv skont l-**Artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

6. Minħabba f'hekk, hija talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«i. Tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar, 2023 fejn akkordat il-mandat;*
>
> *ii. Tiċħad it-talba kif kontenuta fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv datat 9 ta' Jannar, 2023.»*

7. Raymond Fenech wieġeb għal dan ir-rikors fit-18 ta' Jannar, 2024 u saħaq li l-kreditu tiegħu jinsab imnissel minn kuntratti li saru minn nutar pubbliku u mhux minn kitbiet privati u għalhekk huwa jgawdi minn titlu eżekuttiv. Barra minn hekk, huwa qal li l-qorti ma tistax skont l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** tidħol biex teżamina t-titlu eżekuttiv innifsu.

8. Wara li nżammet seduta fit-18 ta' Jannar, 2024, l-Ewwel Qorti ħalliet ir-rikors għad-19 ta' Jannar, 2024, f'liema data tat dan id-digriet finali, li minnu sar l-appell tal-lum:

> *«L-Artikolu 281 tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:*
>
>> *«(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għalkollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.»*
>
> *Dwar din id-dispożizzjoni fil-liġi, ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement preseduta fil-provvediment mogħti fl-ismijiet* ***A.A.S.K. Enterprises Limited v. MORE Supermarkets (Fgura) Limited (****Rik Nru 28/2015 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Nru 23/2015, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 12 ta' Frar 2015 (in ġudikat)):*
>
>> *«Ir-rimedju li jagħti l-Art 281 tal-Kap 12 huwa speċjali. Il-preġudizzju li parti interessata tallega li ġġarrab jrid jirriżulta minn eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. L-istħarriġ li l-Qorti trid tagħmel mhuwiex fil-mertu, kif għamlet ir-rikorrenti fl-impostazzjoni tagħha mill-*

> *bidu sal-aħħar. Li trid tara l-Qorti huwa jekk ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunux ġew osservati jew jekk il-Mandat jkunx inħareġ b'mod abbużiv. Mandat jista` biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. [...] Jekk ir-rikorrenti tassew jidhrilha li għandha jedd tattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat, din tal-lum mhijiex il-proċedura li kellha tittenta. [...] Jekk ir-rikorrenti taħseb li għandha raġunijiet biżżejjed sabiex tattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju tagħha mhuwiex il-proċediment speċjali skont l-Art 281 tal-Kap 12 iżda l-proċedura ordinarja bil-preżentata ta' rikors ġuramentat fejn tagħmel il-każ tagħha u ġġib ir-raġunijiet kollha li għamlet fil-proċediment tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu tagħhom mill-intimata. Din il-Qorti ssegwi dik il-ġurisprudenza li tindirizza lanjanza kontra l-eżekuzzjoni ta' Mandat mhux fil-kuntest tal-Art 281 tal-Kap 12, iżda fl-ambitu tal-preżentata ta` rikors ġuramentat fi proċediment ordinarju.»*

*Issir ukoll referenza għall-pronunzjament fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv numru 700/2019 fl-ismijiet J**ohn Brian Engerer et v. Carmelo Engerer et** deċiż fit-22 ta' Novembru 2019 fejn b'riferenza għall-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ntqal is-segwenti:*

> *«Minn dan kollu jirriżulta li ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża sabiex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta din ix-xorta hija limitata għal eżami pjuttost formali tal-mandat, b'dana illi l-istess qorti hija prekluża milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet impost mill-Artikolu 274 tal-Kap. 12. (ara Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Cvili tal-5 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet **Pace v. Sultana**).»*

*Fl-istess provvediment issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c v. Doris Conchin** deċiża fit-28 ta' Lulju 2011 u kkonfermata fl-appell fejn intqal hekk:*

> *«....l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra.»*

*Mill-eżami tal-atti jirriżulta b'mod ċar li l-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti titratta l-mertu għaliex ir-rikorrenti ssostni li t-titolu eżekuttiv li fuqu huwa msejjes dan il-mandat huwa difettuż għaliex fil-fehma tagħha d-dejn irriżulta minn skritturi privati li ma jikkostitwux titolu eżekuttiv u mhux minn atti nutarili filwaqt li s-sekwestrant min-naħa l-oħra jikkontendi li huma kuntratti riċevuti minn nutar pubbliku li jaqgħu fil-parametri ta' dak li jiddisponi l-**artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet***

> ***ta' Malta***. *Dan ifisser li r-rikorenti mhux qed tallega xi difett fil-forma tal-mandat jew li l-istess mandat inħareġ minn Qorti ħażina iżda difett fil-forma fil-kuntratt li jikkostitwixxi t-titolu eżekuttiv. Fil-fehma tal-Qorti ir-raġunijiet li ssemmi ir-rikorrenti eżekutata sabiex tattakka it-titolu eżekuttiv jmorru lil hinn mill-istħarriġ li din il-Qorti tista' jew hija mistennija tagħmel fi proċedura bħal dik odjerna għaliex il-kwistjoni tirrigwarda mhux biss l-eżekuttività tat-titolu iżda s-siwi fil-mertu tal-istess titolu.*
>
> *Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi illi l-proċedura adottata mir-rikorrenti mhix dik idoneja fil-parametri tal-**Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u sejra għalhekk tiċħad it-talba rikorrenti.*
>
> *Decide*
>
> *Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba rikorrenti.*
>
> *Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti.»*

9. Fit-22 ta' Jannar, 2024, Charmaine Zammit ressqet dan l-appell sabiex jiġi mħassar dan id-digriet. Fl-aggravju tagħha, hija tinsisti li l-Ewwel Qorti applikat b'mod ħażin l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex issostni li kien parti minn xogħlha li tistħarreġ jekk Raymond Fenech kellux titlu eżekuttiv kontra tagħha jew le. L-appellanti tgħid li t-tliet kuntratti msemmija minn Raymond Fenech fl-ittra uffiċjali tas-17 ta' Ottubru, 2022 ma joħolqux titlu eżekuttiv għaliex dawn it-tliet kuntratti huma biss kitbiet privati u mhux atti nutarili. Għalhekk la kitbiet privati mhumiex bil-liġi meqjusa bħala titlu eżekuttiv, l-appellanti tgħid li jeżistu l-estremi taħt l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jiġi mħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023.

10. Raymond Fenech wieġeb għal dan l-appell fejn spjega għaliex dan

ma jistħoqqlux li jintlaqa'.

11. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fid-29 ta' Frar, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Il-kwistjonijiet li trid tiddeċiedi din il-Qorti f'dan l-appell huma tnejn: (i) jekk fi proċedura għat-tħassir ta' mandat eżekuttiv taħt l-**Artikolu 281(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti tistax tistħarreġ jekk jeżistix it-titlu eżekuttiv, li fuq is-saħħa tiegħu jkun inkiseb il-mandat eżekuttiv; u (ii) f'każ li t-tweġiba għall-ewwel mistoqsija hija fl-affermattiv, jekk fil-każ tal-lum il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023, li Raymond Fenech kiseb kontra Charmaine Zammit, jistrieħx fuq titlu eżekuttiv.

13. Dwar l-ewwel mistoqsija, din il-Qorti tibda billi tgħid li skont l-**Artikolu 252 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, mandati eżekuttivi jistgħu jinħarġu biss fuq is-saħħa ta' titli eżekuttivi. Ifisser għalhekk, li ladarba titlu eżekuttiv huwa element essenzjali biex jinħareġ mandat eżekuttiv, in-nuqqas ta' titlu eżekuttiv iwassal bilfors għall-invalidità tal-mandat (ara ***Dr Marlon Borg nomine v. MV Bright Star ġa MV Trading Fabrizia*** deċiż mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar,

2019).

14. Fost it-titli eżekuttivi msemmija fil-liġi hemm is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta (ara l-**Artikolu 253(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**) u l-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt (ara l-**Artikolu 253(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

15. Dejjem skont il-liġi, mandat eżekuttiv jista' jitneħħa kollu kemm hu jew f'parti minnu skont l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jekk jintwera li hemm raġuni valida fil-liġi. Dan l-artikolu fil-fatt jaqra hekk:

> *«**281**. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għalkollox jew f'parti minnu biss, <u>għal raġuni valida skont il-liġi</u>.»*

16. Il-liġi ma tagħtix tifsira ta' x'joħloq raġuni valida fil-liġi u għalhekk kollox huwa mħolli fil-ġudizzju prudenti tal-ġudikant skont il-fatti li jkollu quddiemu.

17. Issa l-Ewwel Qorti qalet fid-digriet tagħha li xogħol il-qorti f'azzjoni

taħt l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa limitat biss biex tara jekk il-mandat inħariġx minn qorti kompetenti u jekk hemmx difett ta' forma fl-atti tal-mandat. Biex isaħħaħ dina l-fehma tagħha l-Ewwel Qorti straħet fuq digrieti oħra li interpretaw dan l-artikolu tal-liġi b'dan il-mod.

18. Fil-każ tal-lum, l-Ewwel Qorti qalet li l-kwistjoni mqajma minn Charmaine Zammit dwar jekk il-kuntratti, li fuqhom Raymond Fenech kiseb il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, humiex titlu eżekuttiv jew le, hija kwistjoni li m'għandhiex x'taqsam ma' xi difett fil-forma tal-mandat innifsu jew mal-inkompetenza tal-qorti li ħarġet dak il-mandat. Għalhekk hija waslet għall-fehma li r-raġuni msemmija minn Charmaine Zammit biex tattakka l-mandat ta' sekwestru tmur lil hemm mill-istħarriġ li hija setgħet tagħmel taħt il-proċedura tal-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u b'hekk issoktat biex ċaħdet it-talba ta' Charmaine Zammit biex tħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023.

19. Charmaine Zammit fl-appell tagħha ma taqbilx ma' din il-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti għaliex tisħaq li l-Ewwel Qorti kellha kull setgħa li tistħarreġ it-talba tagħha għat-tħassir tal-mandat eżekuttiv taħt l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fuq ir-raġuni li l-mandat inħareġ fuq kuntratti li mhumiex titli eżekuttivi

skont il-liġi.

20. Din il-Qorti taqbel mal-appellanta Charmaine Zammit li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja fl-interpretazzjoni tas-setgħat mogħtija lilha taħt l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

21. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Mary Saliba v. Charles Saliba*** mogħtija fit-3 ta' Marzu, 2022, in-nuqqas ta' eżistenza ta' titlu eżekuttiv għandha titqies bħala raġuni fejjieda biżżejjed biex jitħassar il-mandat taħt l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

22. Din l-istess fehma ġa kienet ġiet imħaddna mill-Qorti tal-Appell fid-digriet ***Vincent Gauci v. Dr Albert Fenech*** mogħti fis-27 ta' Marzu, 2020, fejn il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara li hija kienet qiegħda titbiegħed mill-pożizzjoni ristrettiva u magħluqa meħuda minn ċertu deċiżjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-Qorti tal-Appell saħqet li l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura** jista' jiġi użat mhux biss fejn l-att eżekuttiv ikun inħareġ minn qorti żbaljata jew meta jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Dan għaliex il-kliem *«għal raġuni valida skont il-liġi»* huma żgur iktar wesgħin minn dawk iż-żewġ każijiet.

23. Għalhekk biex l-affarijiet ikunu ċari, f'azzjoni taħt l-**Artikolu 281 tal-**

**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-qorti, barra li tqis jekk il-mandat inħariġx minn qorti tajba u jekk hemmx irregolaritajiet formali fl-atti tal-mandat innifsu, hija trid tara wkoll jekk l-oġġett jew is-suġġett tal-mandat jinsabx imsaħħaħ u kopert b'titlu eżekuttiv. Hekk pereżempju ma jistax jinħareġ mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra persuna li ma jkunx ġie ddikjarat debitur fis-sentenza, bħalma lanqas ma jista' jinħareġ mandat ta' żgumbrament minn post li dwaru ma jkunx hemm ordni ta' tkeċċija fis-sentenza.

24. B'daqshekk, dan ma jfissirx li l-qorti trid tistħarreġ is-siwi tat-titlu eżekuttiv. Huwa veru illi skont il-liġi u l-ġurisprudenza, qorti li quddiemha jitressaq rikors taħt l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** m'għandhiex tidħol fil-mertu tan-natura tar-raġunijiet li wasslu għall-ħruġ tal-mandat (ara ***L-Avukat Dr Robert Zammit et v. Pierre Falzon et*** deċiż mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju, 2018).

25. Dan hu hekk għaliex l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jolqot l-atti eżekuttivi u mhux it-titli eżekuttivi, li bis-saħħa tagħhom ikun inħareġ il-mandat eżekuttiv (ara ***Bank of Valletta plc v. Saviour Micallef*** deċiż mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar, 2020).

26. Ta' min ifakkar ukoll hawnhekk li skont l-**Artikolu 276 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ħadd ma jista' jagħmel

oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni tiegħu. Kemm hu hekk, intqal kemm-il darba li azzjoni taħt l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mhijiex maħsuba biex tissospendi l-eżekuzzjoni ta' titlu eżekuttiv (ara ***Catherine Imperia Caruana v. Olena Caruana Verbytska*** deċiż mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018).

27. Illi fil-każ tagħna, jirriżulta li l-appellanta Charmaine Zammit qiegħda tallega fir-rikors tagħha, li Raymond Fenech kiseb il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023 fuq is-saħħa ta' kuntratti li ma ġewx irċevuti min-nutar pubbliku ta' Malta, u għalhekk skontha dawn il-kuntratti mhumiex titli eżekuttivi għall-għanijiet tal-**Artikolu 253(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

28. Minn kif taraha din il-Qorti, l-appellanta fir-rikors tagħha mhijiex qiegħda tikkontesta l-kontenut jew is-sustanza tal-kuntratti li fuqhom Raymond Fenech kiseb il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Mod ieħor hija qiegħda tallega biss li dawn il-kuntratti ma ġewx irċevuti min-nutar pubbliku ta' Malta u minħabba f'hekk dawn ma jistgħux jitqiesu bħala titlu eżekuttiv.

29. Din il-Qorti tqis li l-istħarriġ formali dwar jekk dawn il-kuntratti ġewx irċevuti min-nutar pubbliku ta' Malta jew le (u għalhekk jekk dawn il-

kuntratti għandhomx jitqiesu bħala titlu eżekuttiv jew le għall-għanijiet tal-**Artikolu 253(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), huwa eżerċizzju li jaqa' għalkollox fis-setgħat tal-qorti f'indaġni għat-tħassir ta' mandat eżekuttiv taħt l-**Artikolu 281(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

30. Għalhekk it-tweġiba li din il-Qorti qiegħda tagħti għall-ewwel mistoqsija fuq magħmula hija: li fi proċedura taħt l-**Artikolu 281(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** l-Qorti hija mogħnija bis-setgħa li tistħarreġ jekk jeżistix it-titlu eżekuttiv li fuq is-saħħa tiegħu jkun inkiseb il-mandat eżekuttiv. Jiġi b'hekk, li l-Ewwel Qorti qalet ħażin li hija ma tistax tistħarreġ ir-raġuni li fuqha l-appellanti Charmaine Zammit sejset it-talba tagħha għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023.

31. Dan iġibna għat-tieni mistoqsija fuq magħmula, *viz*. jekk fil-każ tal-lum il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023, li Raymond Fenech kiseb kontra Charmaine Zammit, jistrieħx fuq titlu eżekuttiv.

32. Jirriżulta li Raymond Fenech kiseb il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023 fuq is-saħħa ta' tliet kuntratti tas-16 ta' Jannar, 2020, li ġew mehmuża mal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Ottubru, 2022, li ntbagħtet taħt l-**Artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu eżegwiti.

33. Issa l-appellanta Charmaine Zammit qiegħda ssostni li t-tliet kuntratti tas-16 ta' Jannar, 2020 huma sempliċi kitbiet privati li ma ġewx irċevuti min-nutar pubbliku, filwaqt li l-appellat Raymond Fenech qiegħed isostni li dawn it-tliet kuntratti huma atti nutarili għaliex saru u ġew iffirmati min-Nutar Anton Borg.

34. Rajna aktar kmieni li l-**Artikolu 253(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jgħid li huma titlu eżekuttiv dawk il-kuntratti li jiġu rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta. Dan l-artiklu tal-liġi però ma jfissirx x'inhuwa eżattament kuntratt irċevut minn nutar pubbliku ta' Malta. Għalhekk fin-nuqqas ta' tifsira speċifika fil-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din il-Qorti tqis li kuntratt għandu jitqies li jkun ġie rċevut minn nutar, jekk kemm-il darba dan il-kuntratt ikun fih il-formalitajiet li skont l-**Artikoli 25** u **28** tal-**Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili** għandu jkun hemm f'att nutarili.

35. Sewwasew fil-każ tagħna, jirriżulta li huwa minnu li t-tliet kuntratti tas-16 ta' Jannar, 2020 fihom it-timbru u l-firma tan-Nutar Anton Borg. B'danakollu f'dawn it-tliet kuntratti: (i) la hemm indikazzjoni jew dikjarazzjoni li dawn ġew irċevuti mill-imsemmi Nutar Anton Borg fil-preżenza tal-komparenti skont l-**Artikolu 25(2)** tal-**Att dwar il-**

**Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili**; (ii) la hemm imniżżel isem u kunjom in-Nutar Anton Borg fit-test tal-kuntratti skont l-**Artikolu 28(1)(b)** tal-**Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili**; (iii) la hemm imniżżla d-dikjarazzjoni li n-Nutar Anton Borg fisser regolarment kull wieħed minn dawn il-kuntratti lill-komparenti qabel il-pubblikazzjoni tagħhom skont l-**Artikolu 28(1)(h)** tal-**Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili**; u (iv) lanqas ma hemm imniżżel l-isem tal-gżira, tal-belt jew raħal u d-dar jew post ieħor fejn kull wieħed minn dawn it-tliet kuntratti ġew ippublikati skont l-**Artikolu 28(1)(j) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili**.

36. Fin-nuqqas ta' ħarsien ta' dawn il-formalitajiet, din il-Qorti jkollha tikkonkludi li t-tliet kuntratti tas-16 ta' Jannar, 2020 ma jistgħux jitqiesu bħala atti nutarili u għalhekk ma jistgħux jakkwistaw is-saħħa ta' titlu eżekuttiv skont l-**Artikolu 253(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. U billi dawn it-tliet kuntratti ma jistgħux jitqiesu li għandhom il-karattru ta' titlu eżekuttiv, allura ma setax fuq il-bażi tagħhom jinħareġ il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023.

37. Jiġi b'hekk, li fl-assenza ta' titlu eżekuttiv teżisti raġuni valida skont il-liġi, biex il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023 jiġi mħassar kollu kemm hu skont l-**Artikolu 281(1)** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u f'dan is-sens għalhekk l-appell ta' Charmaine Zammit

qed jinsab li huwa mistħoqq.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell imressaq minn Charmaine Zammit u b'hekk qiegħda tħassar id-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fid-19 ta' Jannar, 2024, u minflok qiegħda tilqa' t-talba ta' Charmaine Zammit għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023 u tordna l-ħruġ tal-kontromandat relattiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu minn Raymond Fenech.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm